**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 89**

**Data:** **25 ta' April, 2019**

**Hin:** **1.25pm**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Shirley-Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *SegretarjuEzekuttiv* |

---

# AGENDA

89.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

89.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

89.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

89.5 Korrispondenza u Rapporti;

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

89.6 Kiri ta' Spazzju lil LESA fil-Kunsill;

89.7 Progetti u Xogholijiet;

89.8 Sejha – Assistant Principal;

89.9 Festa 2019;

89.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

89.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**89.1 Qari tal-ittri ta' apologija**

89.1.1 Ma kien hemm ebda ittra ta' apologija.

**89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

89.2.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala document korrett.

**89.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

89.3.1 Festival tal-qaqqocc – Is-Sindku informa lill-membri li dan ser isir nhar il-Hadd 5 ta' Mejju, 2019 bejn is-2pm u 8pm. Gie spjegat li l-Ministeru ghal Ghawdex ser jghin lill-Kunsill finanzjarjament. Ghall-istess okkazjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex tehel mill-gdid il-plakka kommemorattiva ta' l-ewwel skola li fiha gie mizjud il-parti ta' Fra Grazzja b'cerimonja qasira li ssir fil-5.30pm. Huwa ssugerixxa ukoll sabiex jitqassmu vouchers lir-residenti ghall-food tasting fejn l-ikel l-attivita' ser tkun qeghda ssir bejn is-2pm u 8pm b'hekk tkun qeghda sservi ta' attrazzjoni lejn din l-attivita'. Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suggerimenti.

89.3.2 Is-Sindku ssugerixxa sabiex bhas-snin precedeti l-ghaqdiet jigu mitluba jimlew applikazzjoni b'attivitajiet li jistghu jsiru b'kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi bhas-snin precendenti u tinhareg l-applikazzjoni mehtiega.

89.3.3 Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-muturi ser titqassam ittra sabiex jigu mistiedna t-tfal flimkien mall-genituri biex jiffirmaw il-kuntratt fejn wara

jigu imqassma l-muturi. Data ta’ meta ser jaslu l-muturi ghadna mhux certa u tithabbar aktar ‘il quddiem. Lil dawn l-istudenti ser tinghata lilhom voucher li jissarraf f’mutur.

89.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bhala parti mill-progett li fihom il-Kunsill huwa partners mar-Rumanija ser isir skambju iehor fil-Portugal. Huwa talab lill-Kunsilliera sabiex min jixtieq li jattendi ghal din iz-zjara jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv mill-iktar fis sabiex ikun jista’ jsir il-booking.

89.3.5 Is-Sindku ppropona sabiex issir harga ghall-familja jew f’Ghawdex jew f’Malta. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li din il-harga ghandha ssir nhar il-Hadd 12 ta’ Mejju f’Malta f’Marsaxlokk.

**89.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

89.4.1 Ma’ kien hemm ebda’ mistoqsijiet.

**89.5 Korrispondenza u Rapporti**

89.5.1 Giet tratata korrispondenza minghand ir-Regjun ghal Ghawdex fejn wara laqgha tar-Regjun kien gie deciz sabiex tinhareg offerta’ min-naha tar-Regjun ghall-DPO li jkun iservi lill-Kunsilli Ghawdxin u –ispejjez jigu maqsuma bejn dawk il-Kunsilli involuti. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta.

89.5.2 Giet trattata talba ghal Disabled parking fi Triq Frangisk Portelli u ohra fi Triq Tumas Cassar faccata ta’ l-entratura tal-ground. Saret diskussjoni dwarhom fejn il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba ghall-approvazzjoni mat-Transport Malta.

**89.6 Kiri ta’ Spazzju lil LESA fil-Kunsill**

89.6.1 Is-Sindku spjega li l-LESA ghandha bzonn tikri post ghall-uzu ta’ ufficju u ta’ tribunal. Is-Sindku ssugerixxa sabiex bhala ufficju tkun tista’ tintuza l-kamra li hemm vojta fil-Berga u bhala tribunal tkun tista’ tintuza s-sala tal-Kunsill. Huwa zied jghid li dan ikun servizz ulterjuri li joffri l-Kunsill gewwa l-lokalita’. Emanuel Muscat qal li l-biza’ tieghu tkun li jigu l-Kunsill persuni li jistghu jkunu rrabjati u jkun hawn periklu fl-ufficju. Gie spjegat li waqt is-seduti tat-tribunal ikun hawn pulizija prezenti. Is-Sindku zied jghid li wara ricerka li ghamel huwa ssugerixxa li jintalab il-prezz ta’ €25 ghal ufficju u €125 ghas-sala ghal kull seduta. Bhala kuntratt ikun validu ghal 5 snin. Is-Sindku spjega li jekk dan il-kuntratt jigi ffirmat dawn il-flus ikunu qed jaghmlu tajjeb ghal-loan li jrid jiehu l-Kunsill. Dan is-servizz ser

ikun jaghmel tajjeb anke peress li ser ikun hawn prezenti warden fil-lokalita' ta' kulljum. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel unanimament ma' din il-proposta.

**89.7 Progetti u Xogholijiet**

89.7.1 Il-Vici Sindku staqsiet dwar Triq il-Madonna tal-Virtu' jekk kienx hemm xi sviluppi. Is-Sindku spjega li huwa kien tkellem mall-kuntrattur u qabel tigi solvuta l-problema li nholqot ta' l-ilma x-xogholijiet fuq it-triq huma pendenti. Anthony Camilleri qal li l-problema kienet id-drenagg u qabel jinbidel il-main mhux ser tissolva l-problema. Is-Sindku qal li meta l-kuntrattur jidhol ghax-xogholijiet ser ikompli fuq in-naha ta' wara tal-Knisja biex tinghata l-wicc, segwit bix-xoghol ta' San Pietru peress li dawn huma xogholijiet relatati mall-PPP u meta jitlestew dawn il-Kunsill ikun jista' jigbor l-fondi li ghad baqa'.

**89.8 Sejha ghall-Assistant Principal**

87.9.1 Is-Sindku ddikjara li ghandu interess personali u ghaldaqstat talab lill-Vici Sindku tippresiedi u hareg mill-kamra.

Gie spjegat li kif kien deciz fil-laqgha precedenti kienet hareg is-sejha ghall-Assistant Principal fejn kien hemm applikazzjoni wahda li kienet tas-Sinjura Christina Camenzuli. Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni u qabel unanimament li s-Sinjura Christina Camenzuli ghandha tinghata l-grad ta' Assistant Principal.

Is-Sindku rega' ssejjah lura fil-kamra.

**89.9 Festa 2019**

89.9.1 Is-Sindku qal li peress li l-festa tar-rahal ser tkun qrib hafna tal-bidu ta' l-ewwel Kunsill il-perparamenti tas-soltu jridu jigu diskussi mill-Kunsill prezenti.

89.9.2 Gew diskussi t-temi ta' l-Infiorata ghal din is-sena fejn il-Vici Sindku ssugeriet l-400 sena anniversarju tal-kwardu tal-Madonna ta' Pinu.Il-Kunsill qabel li flimkien ma' dan ghandhom jidhol il-logo Ewropej ta' din is-sena u tema ohra li nistghu nitolbu lill-Arcipriet sabiex jissugeriha hu.

89.9.3 Apparti dan ghad gie diskuss li jridu jingabru l-kwotazzjonijiet tat-tindif ghal matul il-festa u jinhargu l-permessi tas-soltu ghall-kiosk.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

89.9.4 Is-Sindku spjega li f'Gunju hemm ukoll l-Infiorata li trid issir ghall-festa tal-Madonna ta' Pinu. Ghal din l-okkazjoni ser isiru tlett criki, wahda mill-grupp ta' l-Gharb li ser ikollha t-tema ta' 'Nome di Maria' bil-fjuri, ohra ser issir bil-melh u ohra bil-gibs minn grupp taljan. Is-Sindku spjega li r-Rettur ta' Pinu kien informa li hemm ukoll grupp li jaghmlu infiorata bil-gibs li jissejhu l-Madonnari. Dawn jista' jkun li jigu huma pero' ghad qed trid tigi diskussa

89.9.5 Is-Sindku spjega li l-Infiorata tar-Rabat ser isir waqt l-attivita' tal-Gozo Alive. Huwa ssugerixxa sabiex issir laqgha l-gimgha d-diehla ghall-infioraturi. Sadanittant saret diskussjoni dwar kif jista' jsiru x-xogholijiet fejn aktar dettalji ser jigu anke diskussa waqt il-laqgha li ser issir apposta ghall-infjoraturi.

89.9.6 Is-Sindku spjega li saret talba ghall-parking bays fi Triq Dun Alwig Mizzi. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jsiru.

89.9.7 Gie spjegat ukoll li Triq il-Madonna tal-Virtu kien hemm double yellow line u ser jerga' jsir. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jsir kif kien qabel.

89.9.8 Il-Vici Sindku qalet li fejn il-kappella ta' l-adorazjoni trid titranga l-targa peress li mhux qeghda sewwa. Il-Kunsill qabel li din titranga.

89.9.9 Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu hafna affarijiet mahzuna fil-garaxx u sabiex il-Kunsill jevita li jehel aktar spejjez ta' kera ta' garaxijiet jinxtara container fejn l-affarijiet jigu mahzuna gewwa fih. Gie diskuss minn fejn jistghu jingabu l-kwotazzjonijiet fejn issemmew diversi kumpaniji.

89.9.10 Is-Sindku spjega li fic-child care centre inzebgha il-hajt tac-childcare biex ma jinqabx abjad. Ix-xoghol sar minn mara barranija fejn hi qed titlob €50 ghal kull panella. Huwa spjega li fil-bidu hija giet u ma talbietx hlas pero' wara kien gie ir-ragel taghha u kien qal li mhux sewwa li ghamlet dak ix-xoghol kollu u mhux ser tithallas. Huwa kompla jispjega li huwa kien qallu li hija kellha taghti kwotazzjoni minn qabel u mhux wara titlob il-hlas. Is-Sindku min-naha l-ohra qal li huwa jaqbel li €500 peress li din hi u l-habiba taghha kienu ghamlu erba' sibtijiet shah biex jaghmlu ix-xoghol u qabel minn kwotazzjonijeit li kellu l-Kunsill kien ser jigi jiswa bejn €1,500 u €10,000 biex isir stickers. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

**89.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

89.10.1 L-iskeda tal-pagamenti ma gietx ipprezentata.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

**89.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

87.11.1 Gie deciz li d-data li jmiss ser issir nhar il-Hamis 23 ta' May, 2019 fis-1pm.

87.11.2 Il-laqgha intemmet fit-3.10pm.

Konfermati minn

**IFFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv